

Brussell, 12 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8533/26

ECOFIN 521
UEM 150
ECB
EIB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni u l-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-kundizzjonijiet tas-sħubija tal-Unjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim
bejn l-Unjoni u l-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa
dwar il-kundizzjonijiet tas-sħubija tal-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 175, it-tielet paragrafu u l-Artikolu 212, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4), tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-kundizzjonijiet għas-sħubija tal-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa (is-"CEB") huma stabbiliti fl-Artikoli ta' Ftehim tiegħu. Skont l-Artikolu III.c tiegħu, huwa possibbli għal istituzzjonijiet internazzjonali b'fokus Ewropew li jsiru membri tas-CEB bil-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Bord ta' Tmexxija tas-CEB. Biex l-Unjoni ssir membru, huwa għalhekk meħtieġ li tibda negozjati għal ftehim mas-CEB dwar dawk il-kundizzjonijiet.
- (2) Fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar it-titjib tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw koordinazzjoni aktar mill-qrib mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, u kif ukoll bejniethom, fil-kuntest tal-Arkitettura Finanzjarja Ewropea għall-Iżvilupp. Għalhekk, huwa xieraq li l-Unjoni ssir membru tas-CEB billi takkwista ishma fil-kapital tiegħu sabiex tiżgura konsistenza akbar bejn il-prijoritajiet tas-CEB u dawk tal-Unjoni sabiex tikseb l-oġettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-koeżjoni soċjali u r-relazzjonijiet ekonomiċi esterni, billi teżerċita s-setgħa tal-vot li tingħata permezz tas-sjieda. Barra minn hekk, li ssir membru tas-CEB ser ikompli jfannad ir-relazzjoni bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab l-oħra fir-reġjun tat-tkabbir u tal-viceinat li huma membri tas-CEB. Minbarra dan, ser jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-appoġġ għall-Ukrajna, inkluż fir-rigward tar-rikostruzzjoni tagħha ta' wara l-gwerra, billi dak il-pajjiż issa huwa membru tas-CEB u mira ewlenija tal-politiki tiegħu.

- (3) L-enfasi tas-CEB fuq il-politika soċjali u l-infrastruttura tista' tikkomplementa u toħloq sinerġiji mal-programmi ta' finanzjament u l-azzjonijiet ta' politika tal-Unjoni mmirati lejn l-indirizzar tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni. Dan jikkonċerna, b'mod partikolari, oqsma bħall-akkomodazzjoni affordabbli u soċjali, il-kura tas-saħħa, it-tnaqqis tal-faqar, l-educazzjoni, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-inklużjoni soċjali u ekonomika ta' gruppi vulnerabbli, inklużi l-persuni b'diżabilità, il-popolazzjonijiet Rom u l-persuni mingħajr dar. Is-CEB jista' jkollu wkoll rwol tekniku u ta' finanzjament importanti fil-politika tal-akkomodazzjoni fl-Unjoni, fid-dawl tal-esperjenza tiegħu ta' għexieren ta' snin fl-appoġġ tal-akkomodazzjoni għal gruppi vulnerabbli.
- (4) L-għarfien espert tas-CEB fir-rikostruzzjoni u l-integrazzjoni soċjali ta' wara l-kunflitt jallinja mal-għanijiet tal-Unjoni li tippromwovi l-istabbiltà u l-koeżjoni fl-Ewropa. Is-CEB jista' jappoġġa lill-Unjoni biex tfejji lill-pajjiżi tal-adeżjoni fi triqithom lejn is-sħubija fl-Unjoni u jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Tkabbir fil-Balkani tal-Punent u fir-Repubblika tal-Moldova. Peress li l-ambitu ġeografiku tal-operazzjonijiet tas-CEB ġie estiż għall-Ukrajna, wieħed mill-għanijiet ġenerali l-ġodda tas-CEB hu li tagħti assistenza li tappoġġa r-rikostruzzjoni, l-irkupru u l-iżvilupp soċjali fit-tul tal-pajjiż. Iż-żieda fil-kapital li saret reċentement tagħti aktar kapacià finanzjarja li tappoġġa lill-Ukrajna fit-triq tagħha lejn is-sħubija fl-Unjoni. Is-CEB jista' jappoġġa lill-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Ukrajna stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. L-Unjoni u s-CEB jistgħu wkoll ikomplu jsaħħu s-sħubija tagħhom fir-rigward ta' investimenti fl-infrastruttura soċjali fit-Turkija.

¹ Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>).

- (5) L-għajjnuna lir-refuġjati, lill-migranti u lill-persuni spostati hija waħda mill-prijoritajiet statutorji tas-CEB, li jagħmluh il-bank speċjalizzat tal-Ewropa li jaħdem mal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali u l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Dak l-għarfien espert jista' jikkomplementa l-azzjonijiet tal-Unjoni b'appoġġ lill-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, li ser jikkontribwixxi biex l-azzjoni tas-CEB, tiġi ffukata fuq, fost l-oħrajn, ir-riintegrazzjoni tar-refuġjati li jirritornaw, il-migranti jew il-persuni spostati internament u l-integrazzjoni dejjiema ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-pajjiżi li jospitawhom,
- (6) Sabiex il-membri tal-Kunsill ikollhom żmien raġonevoli biex iħejju kif xieraq għad-diskussjonijiet fil-grupp ta' ħidma dwar in-negożjati li ġejjin tal-ftehim qafas, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar it-twettiq, il-progress u l-eżitu tan-negożjati fuq bażi regolari u kull meta tintalab mill-Kunsill, u għandha tibgħatlu d-dokumenti rilevanti kmieni kemm jista' jkun. Fejn adatt, jew meta mitlub mill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport bil-miktub lill-Kunsill.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-ftuħ tan-negozjati għal Ftehim bejn l-Unjoni u l-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-kundizzjonijiet għas-sħubija tal-Unjoni huwa b'dan awtorizzat.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan innominata bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

Artikolu 3

Id-direttivi ta' negozjati li jinsabu fl-addendum għal din id-Deċiżjoni huma b'dan indirizzati lill-Kummissjoni.

Artikolu 4

1. In-negozjati għandhom jitmexxew b'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji, li huwa b'dan maħtur bħala l-kumitat speċjali previst fl-Artikolu 218(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, soġġett għal kwalunkwe direttivi li l-Kunsill jista' sussegwentement jindirizza lill-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar it-twettiq, il-progress u l-eżitu tan-negozjati fuq bażi regolari u kull meta tintalab mill-Kunsill, u għandha tibgħatlu d-dokumenti rilevanti kmieni kemm jista' jkun. Fejn adatt, jew meta mitlub mill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport bil-miktub lill-Kunsill.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
